# Il-Knisja tal-Lunzjata fil-Fawwara

*Minn* **Lorenzo Zahra**

Fil-Fawwara l-aktar magħrufa hija bla dubju l-Knisja tal- Madonna tal-Karmnu li tieħu ħsiebha l-Fratellanza tal-Madonna tal-Karità li hemm fil-Knisja Kolleġġjata u Parrokkjali ta' San Pawl tal-Belt Valletta. Dik inbniet fl-istess żmien ma' knisja oħra li hemm fil-qrib lejn is-sena 1619.

Il-Knisja l-oħra nbniet minn Ġanni Pawlu Cassar u hija ddedikata lill-Madonna tal-Lunzjata. Din iżda ġiet mill-ġdid mibnija fl-1708 minn Nobbli Marija Sciberras.

Huwa magħruf sew li dawk l-inħawi joffru kwantità kbira ta' ilma ġieri tant li sa nofs is-seklu 19 ir-raba' ta' l-inħawi kien kollu ġonna jħaddru s-sena kollha.

Ġara iżda li fi żmien il-ħakma Ingliża beda programm ta' distribuzzjoni ta' l-ilma lejn l-ibliet, għalhekk il-Gvern ħaseb biex jieħu l-inħawi kollha biex seta' jieħu l-ilma li beda jinġabar fil-ġibjun tal-Qrendi u wara jissupplixxi l-Kottonera.

Iżda dak iż-żmien il-Gvern Kolonjali Ingliż irnexxielu bil-forza tal-liġijiet li jieħu l-artijiet mhux bi ħlas iżda bi bdil dik li nsejħu Permuta. U fil-fatt fl-1846 il-Gvern permezz tas-Sur Casolani, li kien uffiċjal għoli għamel kuntratt għand in-Nutar Diego Vella fis-26 ta' Settembru 1846 u ħa l-artijiet ta' Ġebel Ciantar, tal-Menqa u lejn Ta' Verdala u minflok ta artijiet f'Ħal Qormi u lejn ta' l-Ingieret. Il-kuntratt sar mal-Baruni Depiro Muscati.

Il-Gvern żamm il-piżijiet li kien hemm fuq il-Knisja wkoll li ġiet f'idejh u obbliga ruħu li jwettaq il-quddies, il-festa tal-Lunzjata kif ukoll jieħu ħsieb il-knisja. Allura sa dak iż-żmien fl-inħawi kienu jgħixu ħafna bdiewa jaħdmu r-raba' li kienu jinqdew bl-istess knisja.

Iż-żminijiet tbiddlu u l-inħawi għad li joffru ġmiel u trankwillità u raba' jħaddar, iżda l-knisja għadha wieqfa tfakkar f'dawk il-jiem ta' l-imgħoddi. L-inħawi joffru dehra rurali li jixraq tinżamm u tkun konservata.

Ta' kull sena, fil-Knisja tal-Karmnu, il-Fratellanza għadha tieħu ħsieb li tfakkar il-festa tal-Karmnu, iżda dik tal-Lunzjata ma nafx għadhiex issir.



*Il-Knisja tal-Lunzjata fil-Fawwara, limiti tas-Siġġiewi*